MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2012

Citazzjoni Numru. 991/2011

**Matthew Tabone**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-12 ta’ Ottubru 2011 li permezz tiegħu l-attur ppremetta:

Illi twieled nhar l-1 ta’ April 1985, fl-Isptar San Luqa, Pieta, minn Edward Tabone Ferrante u Frances mart l-istess Edward Tabone Ferrante skond iċ-ċertifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat (Dok A);

Illi l-att tat-twelid tal-attur għandu n-numru tal-iskrizzjoni 2089/1985 (Dok A) u jikkontjeni żball fis-sens illi kunjom missieru ġie erroneament indikat bħala “Tabone” mentri

dan il-kunjom kellu jiġi ndikat bħala “Tabone Ferrante” u dan kif ampjament jirriżulta miċ-ċertifikat tat-twelid u dak taż-żwieġ taż-żwieġ ta’ missieru (Dok B u C);

Illi kemm missieru kif ukoll ommu wara ż-żwieġ huma ndikati bħala Tabone Ferrante fuq id-dokumenti pubbliċi;

Illi kunjom ħu l-attur, u ċjoe’ Alan Tabone Ferrante huwa ndikat sewwa fiċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu, u dan billi jindika l-kunjom ta’ missieru sħiħ kif jidher miċ-ċertifikat tiegħu hawn anness u mmarkat Dok D;

Għalhekk l-atturi qed jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m’għandhiex:

a. Tordna lill-konvenut jikkoreġi l-iżball imsemmi fl-Att tat-Twelid tal-attur li jġib in-numru ta’ iskrizzjoni 2089/1985 fis-sens li kunjom il-ġenituri tiegħu jiġi ndikat bħala Tabone Ferrante u konsegwentement anke kunjom l-attur Matthew Tabone jiġi ndikat bħala “Tabone Ferrante” minflok “Tabone” fuq id-dokumenti kollha pubbliċi tiegħu;

b. Tagħti u tiffissa żmien f’liema l-konvenut għandu jagħmel il-korrezzjonijiet hekk ordnati minn dina l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjeż u bil-konvenut nġunt minn issa għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attur u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut, Direttur tar-Reġistru Pubbliku, ppreżentata fis-6 ta’ Diċembru 2011, li permezz tagħha eċċepixxa:

Illi preliminarjament, qabel is-smigħ tal-kawża, b’ordni tal-Qorti għandu jiġi ppubblikat avviż fil-Gażżetta tal-Gvern talanqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża a tenur tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Illi mingħajr preġudizzju għall-fuq riferit, l-esponenti ma jsibx oġġezzjoni għall-ewwel talba sa fejn din tirrigwarda l-

korrezzjoni ta' kunjom missier ir-rikorrenti minn "Tabone" għal "Tabone Ferrante" fl-att tat-twelid tiegħu li jġib in-numru ta' reġistrazzjoni 2089/1985, salv pero' li huwa m'għandux jinżamm responsabbli ta' din l-inkorrezzjoni u dan *stante* li kien proprju missier ir-rikorrenti Edward li kien id-dikjarant u ta l-informazzjoni kollha li imbagħad tniżżlet fiċ-ċertifikat tar-rikorrenti u saħansitra ffirma l-istess att.

Illi għaldaqstant, id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku m'għandux jiġi akkollat bl-ispejjeż tal-proċeduri istanti;

Illi, dejjem bla ebda preġudizzju għal-fuq imsemmi, it-tieni parti tal-ewwel talba rigwardanti l-korrezzjoni ta' kunjom ir-rikorrenti fuq id-dokumenti pubbliċi tiegħu hija nsostenibbli u dan *stante* li l-intimat huwa kompetenti biss fir-rigward ta' atti tal-istat ċivili u mhux tad-dokumenti pubbliċi;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu nġunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut, Direttur tar-Reġistru Pubbliku u l-lista tax-xhieda.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat illi fil-verbal tas-seduta tas-16 ta' Jannar 2012, il-kawża ġiet differita għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jagħmel din it-talba *ai termini* tal-Artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt li kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-Artikolu 254 saret debitament.

Illi l-konvenut mhux jopponi għat-talba ħlief naturalment fir-rigward tal-ispejjeż. Mid-dokumenti esebiti ma hemmx dubju li t-talba attriċi hija ġustifikata; naturalment pero' l-

iżball ma sarx mill-konvenut iżda minn min tah id-dettalji, u allura l-istess konvenut m'għandux jiġi akkollat spejjeż.

**Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi.**

**L-ispejjeż tal-kawża jkunu a kariku tal-istess attur.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------